# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar, 2002**

**Numru**

**Cit. Nru. 248/99 GV**

**Charles Michael Gauci**

**vs**

**Alfred Vella f'ismu proprju u ghan-nom tax-Xemxija Hotels Limited u ghal kull interess li jista' jkollha martu Mary Vella u b'digriet tat-30 ta; Mejju, 2001, Vincent Zahra gie ammess jintervjeni "in statu et terminis".**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-attur ipproceda kontra l-konvenut proprio et nomine quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili bis-segwenti att tac-citazzjoni li fih talab li jigi

awtorizzat jirriprendi pussess ta' fond kummercjali f'San Pawl-il Bahar, attwalment f'idejn il-konvenut proprio et nomine:-

> "Illi missieru Paul David Gauci kellu l-kirja tal-kumpless 'Ix-Xemxija' maghruf ukoll bhala 'Redoubt' u/jew 'Natasha', fit-telgha tax-Xemxija, San Pawl il-Bahar;
>
> Premess illi missieru miet fl-erbatax (14) ta' Ottubru 1998, u l-kirja tal-fond ghaddiet minn fuq missieru Paul David Gauci ghal fuq l-esponent Charles Michael Gauci (Dok CMG II);
>
> Premess illi l-imsemmi Paul David Gauci kien hatar bhala 'substitute' lill-intimat Alfred Vella; liema hatra tigi mgedda kull l-ewwel tas-sena mal-Kummissarju tal-Pulizija;
>
> Premess illi skond il-ligi l-licenzja ta' 'substitute' mahruga lill-intimat skadiet mal-mewt ta' Paul David Gauci u fl-ahhar tas-sena 1998;
>
> Premess illi l-intimat mitlub bonarjament u permezz ta' protest legali (Dok CMG III) biex jivvaka mill-fond 'de quo' u biex jikkunsenja c-cwievet kollha tal-istess fond lill-esponenti baqa' inadempjenti;
>
> Premess illi l-istess Kummissarju tal-Pulizija ordna li l-istess fond jibqa' maghluq u li l-intimat bl-ebda mod ma jista jiggestixxi l-imsemmi fond (Dok CMG I);
>
> Premess illi l-esponent bhala l-kerrej gdid tal-fond anqas ma jista' jidhol fl-imsemmi fond, u qed isofri danni ingenti minhabba l-attitudni illegali w immorali tal-intimat proprio et nomine;
>
> Premess illi l-intimat proprio et nomine qatt ma jista jiggestixxi l-imsemmi fond ghaliex mhuwiex rikonoxxut mill-kerrej u mill-Kummissarju tal-Pulizija;
>
> Premess illi l-esponent ghandu bzonn li jidhol fl-imsemmi fond u bi dritt irid li jiggestixxi n-negozju huwa;
>
> L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tordna fi zmien qasir u perentorju l-izgumbrament tal-intimat proprio et nomine mill-kumpless kollu 'Ix-Xemxija' maghruf wkoll bhala 'Redoubt' u/jew 'Natasha' f'San Pawl il-Bahar;

2. tordna lill-istess intimat proprio et nomine li jikkunsenja fl-istess zmien c-cwievet kollha ta' l-imsemmi fond lill-esponent.

B'riserva ta' danni li gew ikkawzati u qed jigu ikkawzati lill-esponent, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest legali tat-tmienja (8) ta' Jannar 1999".

## Eccezzjonijiet

Il-konvenut proprio et nomine hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"1. Preliminarjament, il-konnessjoni tal-kawzi stante li quddiem din l-Onorabbli Qorti hemm kawza ohra presentata mill-eccipjent fl-ismijiet 'Alfred Vella pro et noe vs Charles Michael Gauci' (Citazz. Nru. 101/99) dwar l-istess meritu.

2. Fil-meritu, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghar-ragunijiet segwenti;

a) Illi l-eccipjent ma kienx semplicement 'substitute' kif qed jipprova jaghti ad intendere l-attur, izda kien amministratur generali ta' 'Natasha Bar & Restaurant'. Il-fatt stess li l-attur lanqas esibixxa kopja tal-ftehim korrenti bejn l-eccipjent u l-mejjet Paul David Gauci (missier l-attur) hija evidenza cara li l-attur qed jipprova jahbi n-natura vera tal-akkordju li ghandu favur tieghu l-eccipjent.

b) Illi l-attur ma jistax jippretendi drittijiet fuq 'Natasha Bar & Restaurant' minghand il-Lands Department minghajr ma jirrikonoxxi d-drittijiet ta' l-eccipjent marbutin ma' l-imsemmi lokal.

c) Illi l-kawza Citazzjoni Nru. 101/99 saret mill-eccipjent biex din l-Onorabbli Qorti tordna lill-attur odjern (konvenut f'dik il-kawza) jirrikonoxxi d-drittijiet ta' Alfred Vella proprio et nomine.

d) Illi l-attur lanqas semma' illi r-rikors tieghu ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 141/99 gie michud minn din l-Onorabbli Qorti. Dan juri kemm l-attur qed jipprova jahbi l-fatti veri tal-kaz.

e) Illi tant l-attur qed jipprova jqarraq u jizvija lill-Qorti illi fil-paragrafu li tad-dikjarazzjoni akkompanjanti c-citazzjoni tieghu huwa halef illi 'qieghed fil-posizzjoni li ma jistax jidhol fil-kumpless u anqas ma jista' jikkonstata d-diversi attrezzi u furnishings li jappartjenu lilu', meta fil-verita' lanqas furketta li hemm gewwa l-lokal 'Natasha' ma tappartjeni lilu. Billi l-attur fil-premessi tac-citazzjoni qed jilmenta dwar dik li jsejjah 'l-attitudni illegali u immorali tal-intimat proprio et nomine', apparti li dan hu kaz car ta' 'il diavolo che predica la castita'', il-kelma immorali hija superfluwa u din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna thassir taghha".

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tal-31 ta' Mejju, 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi prevja li cahdet it-talbiet tal-konvenut, laqghet it-talba attrici u ordnat lill-konvenut jizgombra fi zmien hmistax improrogabbli mill-kumpless kollu "Ix-Xemxija" maghruf bhala "Redoubt" u/jew "Natasha" f'San Pawl-il Bahar. Ordnat ukoll lill-istess konvenut jikkunsenja fl-istess zmien ic-cwievet kollha ta' l-imsemmi fond bl-ispejjez kontra tieghu.

**<u>Motivazzjoni tas-sentenza appellata</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

**“TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti

tordna li l-konvenut jizgombra fi zmien qasir u perentorju mill-kumpless kollu ‘Ix-Xemxija’ maghruf bhala “Redoubt” u/jew “Natasha” f’San Pawl il-Bahar;

u tordna lill-istess intimat pro et noe li jikkunsenja fl-istess zmien ic-cwievet kollha ta’ l-isemmi fond.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li hu ma kienx semplicement substitute izda kien amministratur generali ta’ Natasha Bar & Restaurant skond ftehim li kellu ma missier l-attur.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dina l-kawza hi konnessa mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi 101/99 u l-provi li nstemghu f’dina l-kawza japplikaw ghal dik l-kawza wkoll.

*Citazzjoni monka*

Fin-nota’ ta’ sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut issottometta li l-ewwel konkluzzjoni ta’ dina l-Qorti ghandha tkun li c-citazzjoni hija monka u difettuza stante li l-attur ma talabx dikjarazzjoni li l-konvenut qed jiddetjeni l-fond bla titolu.

Il-Qorti tirrileva li l-konvenut ma tah ebda eccezzjoni f’dana s-sens u ma jistax jinqeda b’nota ta’ osservazzjonijiet biex iqajjem eccezzjoni li l-attur ma kellux l-opportunita’ f’waqtha li jittratta u jirribatti. (Ara App Civ Chircop vs Dr.R.Frendo Randon noe 12/10/79).

Imma anke kieku, mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta li dan hu kaz fejn wiehed jista’ jghid li t-talba ghaz-zgumbrament implicitament tinkludi dikjarazzjoni li l-konvenut qed jokkupa l-fond minghajr titolu, billi titnissel mill-presupposti tac-citazzjoni. Barra minn hekk fic-citazzjoni l-attur ippremetta “id-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni”.

*Dokumenti ezibiti man-noti*

Dwar l-oggezzjoni tal-konvenut ghal-prezentata tad-dokument man-nota ta' osservazzjoni ta' l-attur, il-Qorti tirrileva li anke l-konvenut ipprezenta dokumenti man-nota tieghu minghajr awtorizzazzjoni. Il-Qorti qed tammetti dawn id-dokumenti billi t-tnejn mhumiex rilevanti ghas-soluzzjoni ta' vertenza in ezami.

*Mertu*

Fil-mertu l-attur qed jippretendi li meta miet missieru Paul David Gauci l-ftehim tal-1993 bejn missieru u l-konvenut spicca u l-konvenut kien obbligat li jirritornalu l-post. Il-konvenut kellu biss licenzja ta' substitute u dina tispicca mal-mewt tal-licensee cioe' Paul Gauci.

Minn naha l-ohra l-konvenut qed isostni li ghalkemm fil-bidu hu kellu licenzja ta' substitute, bil-ftehim tal-1993 Paul Gauci hatru irrevokabilment b'setghat generali bhala amministratur generali tan-'Natasha'. Ghalhekk qed jippretendi li la darba l-attur gie rikonoxxut mid-Dipartiment tal-Artijiet fl-istess kirja minflok missieru hu obbligat li jirrikonoxxi l-kondizzjonijiet li assuma missieru.

Il-P.L. Mario Mifsud Bonnici, li kien konsulent legali ta' Paul David Gauci, xehed dwar dawn l-iskritturi u nsista li kien il-konvenut li ried li jizdiedu l-kliem "irrevokabilment b'setghat generali" izda l-intenzjoni tal-klijenti tieghu kienet li l-konvenut jibqa' bhala substitute.

Il-Qorti, wara li semghet il-provi kollha prodotti, u ezaminat in-noti tal-partijiet, u d-dokumenti ezibiti, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut kien biss substitute ta' Gauci u kull ftehim bejnithom spicca mal-mewt ta' l-istess Paul Gauci.

Fil-fatt jirrizulta li kull sena l-konvenut kien jirrinova bil-kunsens ta' Gauci l-licenzja li kellu mal-Pulizija li kienet biss wahda ta' substitute u xejn aktar. Il-konvenut qatt ma gie rikonoxxut bhala licensee jew kerrej tal-fond il-kwistjoni.

Inoltre jigi rilevat li fil-kuntratt li Gauci kellu mal-Lands fejn kien ha l-post b'kera, hu kellu klawsola 16 a fol 27 li tghid li: "The tenant shall not make over the present lease or sublet the tenement, whether wholly or in part or enter into a partnership in respect of the tenement without the consent of the Government". Ghalhekk Gauci ma setghax jaghti drittijiet lill Gauci li hu ma kellux. Inoltre kondizzjoni simili kienet giet ukoll imposta fuq il-konvenut bil-ftehim tal-1993 (ara klawsola 2).

Skond l-artikolu 1886 tal-Kodici Civili l-mandat jispicca bil-mewt tal-mandant jew tal-mandatarju u ghalhekk il-mandat ma jistax jibqa' in perpetwu kif qed jippretendi l-konvenut.

Dwar il-kwistjoni li Paul Gauci kien obbligat li ma jostakolax bl-ebda mod lill- konvenut fir-relazzjoni tieghu mal-Pulizija, jirrizulta mill-provi li Paul Gauci dan dejjem ghamlu u setgha jaghmlu sakemm baqa' haj, u ma setghax jorbot lil ta' warajh li jidhlu minfloku fil-kirja, ghax mal-mewt tieghu r-relazzjoni li kien hemm mal-konvenut spiccat".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-appellant proprio et nomine jistrieh fuq dawn il-fatti minnu stess sostnuti.

1. Mill-bidu tar-relazzjoni kummercjali bejn Paul David Gauci, missier l-attur, u hu sa ma miet dak l-istess Gauci, kienu saru tlett (3) skritturi privati. It-tieni wahda ssuperat l-ewwel wahda, u t-tielet wahda ssuperat it-tieni wahda. Meta miet Paul David Gauci kien ghad hemm fis-sehh it-tielet skrittura privata, cioe' dik datata 2 ta' Jannar, 1993, u cioe' l-aktar wahda ricenti. Fost il-kondizzjonijiet stipulati f'dak il-kuntratt insibu is-segwenti:-

" 1. Paul David Gauci qed jahtar irrevokabilment b'setghat generali lil Alfred Vella hawn fuq imsemmi bhala <u>amministratur generali</u> tan-Natasha Snack Bar b'mod illi Alfred Vella jkun jista' jaghmel dak li jidhirlu huwa necessarju <u>biex ihaddem</u> l-imsemmija Natasha Snack Bar.

2. L-imsemmija Alfred Vella qed jaccetta li huwa mid-data hawn imsemmija, dik tat-2 ta' Frar, 1993, jkollu taht idejh l-amministrazzjoni generali tan-Natasha Snack Bar u taht l-ebda cirkostanza Paul David Gauci ma jista' jindahal fl-amministrazzjoni taghha, hlief li Alfred Vella ma jkunx jista' jissulloka n-Natasha jew parti minnha.

3. Kull dejn li hemm pendenti fuq in-Natasha Snack Bar irid jithallas minn Alfred Vella, u Paul David Gauci ma ghandu x'jaqsam ma' l-ebda debitu li hemm gravanti jew jista' jkun hemm gravanti fuq il-fond 'de quo'.

4. Alfred Vella jintrabat li jibda jhallas il-kera tan-Natasha Snack Bar mill-1 ta' Jannar, 1993, direttament lid-Dipartiment ta' l-Artijiet f'isem Paul David Gauci.

5. Il-licenzji kollha tal-fond hawn imsemmija jibqghu jithallsu minn Alfred Vella f'isem Paul David Gauci u Paul David Gauci jintrabat li bl-ebda mod ma jostakola lil Alfred Vella f'dak kollu li jirrigwarda r-relazzjonijiet ta' l-imsemmi Alfred Vella mal-Pulizija, u jawtorizza lil Alfred Vella illi jidher ghan-nom ta' l-istess Paul David Gauci ghal dak kollu li jirrigwarda l-permessi relattivi ghal-lokal" (sottolinejar ta' din il-Qorti).

Qabel tikkonsidra oltre l-aggravju ta' l-appellant, din il-Qorti sejra tissofferma fuq il-kontenut ta' dawn il-kondizzjonijiet fl-iskrittura li, skond l-appellant, kienet torbot lill-kontendenti u li fuqha jidher li qed jistrieh biex jeradika id-dritt tieghu li jkompli jokkupa l-fond kummercjali li tieghu l-attur appellat qed jitlob ir-ripresa u li fih jissokta jiggestixxi n-negozju.

Din il-Qorti taghmel fir-rigward is-segwenti osservazzjonijiet:-

1. Filwaqt li hu minnu li d-dicitura tat-tielet skrittura timplika illi kien dak il-ftehim li kellu jirregola r-relazzjonijiet kummercjali bejn il-

kontendenti, ma hemm xejn f'din l-iskrittura illi jista' jitfisser li l-iskritturi precedenti kienu qeghdin jigu revokati, anke f'dawk il-partijiet taghhom fejn ma kienux inkompatibbli ma' din l-ahhar skrittura. Infatti fl-iskrittura tat-2 ta' Jannar, 1993, ma hemm assolutament l-ebda riferenza ghall-iskritturi precedenti. Jidher infatti li t-tlett skritturi jindikaw stadju differenti fl-izvilupp tal-konnessjoni bejn il-kontendenti fir-rigward ta' l-attivita' tat-tmexxija tan-negozju. Fl-ewwel skrittura tal-15 ta' Settembru, 1982 l-appellant Alfred Vella kien semplici impjegat ta' missier l-appellat inkarigat bit-tmexxija tan-negozju. Fit-tieni skrittura tat-22 ta' Jannar, 1988, il-ftehim kien jipprospetta l-hatra ta' l-appellant bhala *substitute* biex imexxi n-negozju <u>f'isem l-appellat</u>. F'dak il-ftehim li kien jiggedded awtomatikament minn sena ghal sena l-appellant bhala *substitute* intrabat li jhallas lil-*licencee,* missier l-appellat Gauci, is-somma annwali ta' Lm1,500 fis-sena sakemm idum il-ftehim (for the duration of <u>this agreement</u>)".

Fit-tielet u l-ahhar ftehim kien hemm qabza ta' kwalita' fix-xorta ta' relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti billi l-appellant mill-ftehim ta' *substitute* ottjena <u>hatra</u> "irrevokabbli" ta' amministratur generali tan-negozju. Ma jidhirx pero' li hu kontestat illi anke wara l-firma ta' dak il-ftehim tat-2 ta' Jannar, 1993, l-appellant baqa' jiggestixxi n-negozju bhala *substitute* f'isem l-appellat, u inoltre, baqa' wkoll jonora l-obbligu ta' assuma bl-iskrittura tat-22 ta' Jannar, 1988, li jhallas il-korrispettiv

annwali ta' Lm1,500 "in advance for the benefit of a free hand in the <u>operation</u> of the business".

2. Il-hatra ta' amministratur generali necessarjament timplika mandat. Il-persuna mahtura bhala amministratur qatt ma tamministra hwejjigha, imma tamministra l-hwejjeg ta' haddiehor. Il-mandatarju ma jagixxi qatt f'ismu imma jagixxi dejjem f'kull cirkostanza f'isem il-mandanti tieghu u fit-termini tal-mandat lilu fdat. Dan hu aktar minn ovvju mit-termini ta' l-istess skrittura taht ezami li ghal darba, darbtejn, u aktar, tispecifika lill-operat ta' l-amministratur generali – anke jekk hu b'mandat irrevokabbli – kellu dejjem jagixxi f'isem il-mandant Paul David Gauci. Dan bilfors iwassal ghall-konkluzzjoni inevitabbli li l-appellant qua mandatarju, fil-vesti tieghu ta' amministratur generali, ma seta' qatt jasal biex jassumi t-titolu li kien propju tal-mandanti tieghu. Ma seta' qatt jaspira u jippretendi li hu l-licensee tal-fond li kien fdat biex jamministra li l-kera ghaddiet fuq ismu jew li s-sid, f'dan il-kaz il-Gvern Civili, kellu xi obbligu li jirrikonoxxih.

4. Dan kollu jfisser illi fl-aghar ipotesi ghall-appellant, kieku kellu jigi accettat li kienet biss l-iskrittura tat-2 ta' Jannar, 1993 illi tirregola r-relazzjonijiet bejnu u bejn l-appellat hu (a) ma kienx ikollu n-nomina ta' substitute minghand il-licensee, u din kienet tpoggih f'sitwazzjoni ta' irregolarita' ma' l-awtoritajiet inkompetenti, jekk mhux fl-impossiblita' li

jiggestixxi n-negozju, u (b) li l-iskrittura tat-2 ta' Jannar, 1993, kienet tkun monka inkwantu ma kienetx tispecifika li qua amministratur generali hu kellu jhallas xi konsiderazzjoni lill-mandanti tieghu ghaliex ma jkunx ghadu jorbot il-hlas annwali konvenut fl-iskrittura precedenti. Dan ma setghax hlief ifisser li l-amministratur kellu jaghti rendikont lis-sid ta' l-amministrazzjoni tieghu  kull sena, u li l-profitti tan-negozju kienu jigu percepiti mill-mandanti filwaqt li l-ebda provvediment ma kien hemm li jistabilixxi l-kumpens dovut lill-appellant ghall-ezekuzzjoni tal-mandat tieghu.  Fl-ahjar ipotesi ghall-appellant, min-naha l-ohra, l-ahhar zewg skritturi kellhom jittiehdu li kienu komplimentari ghal xulxin, b'dan li fir-rigward tat-tieni skrittura kien salvat dak li ma kienx jikkozza ma' l-ahhar skrittura.  Bhala konsegwenza pero' jigi assodat il-fatt illi l-appellant kien baqa' jagixxi qua substitute tal-licensee, u li l-arrangament rigward it-tmexxija tan-negozju sakemm jibqa' vigenti kien fis-sens illi l-appellant kellu jhallas somma annwali miftehma mir-rikavat tan-negozju lil-licesee bid-differenza jzommha ghalih.  Fil-fehma ta' din il-Qorti kienet din l-ahhar sitwazzjoni li kienet aktar attendibbli u attinenti mar-realta' tal-kunsens kontrattwali li kien jiggverna r-relazzjonijiet bejn l-kontendenti.

Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti ma ssib xejn stramb fl-affermazzjoni tal-konsulent ta' l-appellat illi "l-intenzjoni tal-klijent tieghu kienet li l-konvenut (l-appellant) jibqa' bhala *substitute".*  Fil-verita' iz-

zewg sitwazzjonijiet m'humiex necessarjament kontradittorji kwantu hu perfettament legittimu u koncepibbli li wiehed ikun amministratur generali tal-licensee u fl-istess hin substitute tieghu fix-xorta ta' negozju gestit fil-fond de quo.

Din il-Qorti ma tiddiskutix is-sottomissjoni ta' l-apellant illi bhala konsegwenza ta' l-ahhar skrittura hu kien inghata mill-appellat proprio et nomine setghat aktar ampji minn dawk li kellu bl-iskritturi ta' qabel, u taqbel ukoll illi l-fatt li wiehed jinhatar bhala substitute kien biss wiehed mis-setghat implicitament koncessi lilu bl-ahhar skrittura. Jibqa' pero' inkonfutabbli l-fatt guridiku li l-aktar li seta' jippretendi li kien l-appellant, skond din l-ahhar skrittura, kienet li gie mahtur mill-aventi kawza ta' l-appellant proprio et nomine bhala amministratur generali tan-negozju li accetta li jiggestixxi. Amministratur generali li ma jikkonferixxi l-ebda titolu fir-rigward ta' l-oggett imqieghed taht l-amministrazzjoni tieghu. Infatti hu jaf il-jeddijiet tieghu ghall-hatra tal-mandanti tieghu. Bhala regola japplika l-principju "chi bolla sbolla", li jfisser li l-mandant jista' jirrevoka u jnehhi l-prokura ta' l-amministratur. Infatti l-art. 1886 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-mandat jispicca qabel xejn bit-tnehhija tal-prokura.

Il-fatt imbaghad li l-mandant jintrabat li l-prokura lill-amministratur generali tkun wahda irrevokabbli ma setghetx tigi interpretata illi l-mandanti ma setghax jirrevoka l-prokura ghax dak imur kontra l-kelma u

l-ispirtu tal-ligi. Ifisser biss li jekk il-mandant jaghzel li jirrevoka l-mandat, nonostante li jkun ta prokura ta' amministrazzjoni generali irrevokabbli, hu jkun passibbli ghad-danni jekk jirrizulta li tali revoka tkun saret bla gusta kawza. L-irrevokabilita' ta' mandat bonarjament konvenut u liberament accettat mill-mandant, kienet biss torbot sakemm il-mandatarju jagixxi fit-termini tal-mandat tieghu u skond il-ligi. Hu mbaghad principju bazilari ta' dritt li kull mandat jispicca bl-mewt tal-mandant jew tal-mandatarju. Infatti is-subinciz (b) ta' l-istess art. 1886 jiddekreta li mandat jispicca bil-mewt, bl-inibizzjoni generali jew parzjali li jikkuntratta, bid-dikjarazzjoni tal-falliment jew bic-cessio bonorum tal-mandant jew tal-mandatarju. Ir-relazzjoni guridika bejn il-mandant u l-mandatarju kienet wahda personali bazata fuq il-fiducja reciproka li ma setghet qatt testendi fuq l-eredi sew tal-mandant kif ukoll tal-mandatarju. Il-fatt allura illi l-mandant Paul David Gauci ntrabat illi l-hatra ta' amministratur generali minnu maghmula tkun wahda irrevokabbli, kienet u setghet biss torbot lilu vita durante. Ma setghetx torbot lis-successuri tieghu bit-titolu. Dana jekk xejn ghar-raguni ovvja illi l-proprjeta' tan-negozju baqghet tal-mandant, kienet tghaddi, mal-mewt tieghu, fuq is-successuri tieghu, u dawn ta' l-ahhar kellhom kull dritt li jassiguraw l-amministrazzjoni ta' hwejjighom bil-mod kif jidhrilhom huma. M'hemmx ghalfejn jigi sottolinejat li, f'dan ir-rigward allura, il-posizzjoni ta' amministratur generali, anke jekk nominat b'mod irrevokabbli, kienet

aktar vulnerabbli minn dak ta' semplici impjegat li kien protett fl-impjieg bil-ligijiet ad hoc.

Din il-Qorti hi allura tal-konvinzjoni li l-appellat ma kien bl-ebda mod obbligat li "jirrispetta d-drittijiet li Paul David Gauci" (missieru) kien ta lill-apellant". Fil-fatt Paul David Gauci ma kien ta l-ebda drittijiet lill-appellant. Kien tah biss inkarigu li jintemm mal-mewt ta' min inkarigah. Din il-Qorti taghmel riferenza f'dan ir-rigward ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Aquilina Joseph nomine vs. Jean Paul Mifsud et", Cit Nru. 667/99 deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2001. Bi sfors imbaghad biex l-appellant jipprova jinterpreta l-ahhar ftehim bhala xi forma ta' "operations' agreement", filwaqt li l-licensee jibqa' dejjem Paul David Gauci,ma jsibx konfort la fit-termini ta' l-ahhar skrittura tat-2 ta' Jannar, 1993, u lanqas f'dawk ta' l-iskrittura precedenti tat-22 ta' Jannar, 1988.

Din il-Qorti tifhem illi l-kontraenti kellhom diffikulta biex jiddefinixxu kif seta' jigi redatt il-ftehim ta' bejniethom in konnessjoni mat-tmexxija tan-negozju fil-fond de quo. Dan kemm minhabba l-fatt li l-appellat kien il-kerrej u licensee b'divjett espress ta' sullokazzjoni tan-negozju, kif ukoll ghaliex in-negozju kien gestit f'fond proprjeta' tal-Gvern. Dawn l-aspetti pero' jezorbitaw mill-mertu taht ezami u l-Qorti kellha tkun gwidata ggvernata bit-termini tal-ftehim liberament espress fl-iskritturi taht ezami.

Finalment l-appellant jissottometti ukoll illi c-citazzjoni ma kien fiha l-ebda talba ghad-dikjarazzjoni li hu kien qed jiddetjeni l-fond bla ebda titolu validu fil-ligi jew illi hu ma kienx intitolat ikompli jgawdi d-drittijiet koncessi lilu minn Paul David Gauci permezz ta' kuntratt. Hu jsostni ghalhekk li c-citazzjoni kienet monka u difettuza.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-aggravju. Una volta hu stabbilit li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kellha tigi gvernata bl-istitut tal-mandat, il-mandatarju ovvjament ma seta' jippretendi l-ebda jedd fuq il-fond li kien qed jigi minnu amministrat, kienet x'kienet ir-raguni. Kull ma kien mehtieg fic-citazzjoni kien dikjarazzjoni li il-mandat moghti lill-mandatarju kien ghal xi raguni intemm, u konsegwentement kien johrog wahdu l-obbligu tal-mandatarju li jirritorna dak kollu li kien imqieghed taht l-amministrazzjoni tieghu lill-mandant. It-termini tac-citazzjoni kienu ampji bizzejjed biex jinkorporaw talba ta' din ix-xorta u l-premessi ghaliha.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant. Ghall-fini ta' l-izgumbrament il-Qorti tiddekreta li t-terminu ta' hmistax stabbilit mill-ewwel Qorti kellu jibda jiddekorri mill-15 ta' Jannar, 2002.

Dep/Reg

mm